MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38/8

*(Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 36)*

It-Tlieta 15 ta' Dicembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

038.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

038.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (34(08) [17/11/2020] 35(08) [19/11/2020])

038.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

038.4 Abbozz tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2021;

038.5 Performance Bonus tal-haddiema klerikali tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv;

038.6 Tigdid tal-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv;

038.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

038.8 Rapporti;

038.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta’ Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

038.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

038.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6.15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 038.1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta`apologija.

## 038.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

038.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kompetizzjonijet li gew mneddija ghaz-zmien il-Milied, fejn talbet sabiex jigu nominati tlett gurija. Il-Kunsillier S Caruana issugerriexa li nkellmu s-Sur Noel Castillo. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex lill-partecipanti kollha u rebbieha jinghatalhom rigal zghir. Dwar dan kien hemm qbil.

038.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbghatet mill-perita tal-Kunsill dwar il-monument li ser jaghmel il-Kunsill fuq roundabout ta` quddiem il-Palazz tal-Bettina. Il-perita talbet jekk il-Kunsill jaqbilx li jitnehhew is-sigar minn fuq il-monument u jinzaru f`post iehor fil-vicinanza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

038.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghaz-zewg proposti li resqu quddiem il-Kunsill mill-kazin ta` La Stella u l-kazin tac-Cintura, fejn qed jitolbu no objection mill-Kunsill sabiex ikunu jisghtu japplikaw mall-aworitajiet ikkoncernati sabiex jaghmlu dawn il-monumenti. Is-Sindku ziedet tghid li r-raprezentanti ta` zewg kazini qeghdin jistennew decizjoni tal-Kunsill. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu japprova u jaghti no objection tieghu ghal dawn il-monumenti biex isiru fir-rahal sabiex ikomplu jsebbhu lokal wara li jingiebu l-permessi kollha neccessarji mill-Awtorijatjiet kkoncernati. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

038.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbghatet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-hatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku talbet sabiex jigi nominat persuna gdida biex tokupa din il-kariga. Wara diskussjoni, is-Sindku proponiet lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Qrendi lis-Sur Chris Falzon u lis-Segretarju Ezekuttiv ta` Hal-Safi, is-Sinjura Doris Baldacchino. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 038.5 Performance Bonus tal-haddiema klerikali tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv

038.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat il-performance appraisal report tal-Assistant Principal, fejn gie irrakomandat li tinghata l-massimu tal-persentagg (6%). Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjat lis-Sinjura Azzopardi ta` hidmietha. Is-Sindku proponiet li s-Sinjura Azopardi ghandha tinghata dak rrakomandat mis-Segretarju. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

038.5.2 Is-Sindku prezentat il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv, fejn proponiet li s-Sinjura Mascena tinghata l-massimu tal-persentagg (10%). Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera.

## 038.6 Tigdid tal-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv

038.6.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghal mpjieg ta` Segretarju Ezekuttiv, fejn proponiet sabiex il-Kunsill il-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv jigedded wara din is-sena ta` probation. Il-Kunsill qabel unanimament ma` dan il-proponiment.

038.7 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

038.7.1 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghal xi hitan tas-sejjieh quddiem il-Kapella ta` Loretu, fejn propona sabiex jekk il-Kunsill ikollu fondi bizzejjed mill-flus li l-Kunsill ha mill-Mizura 4.4, jinkludi dawn il-hitan tas-sejjieh.

038.7.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex iz-zewg rifletturi li hemm quddiem l-ufficcju tal-Kunsill jinbidlu f`fanali tal-hadid bhal ma hemm fil-kumplament ta` triq.

038.9 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Is-Sindku prezentat korrispondenza li ntbghatet mill-perit tal-Kunsill dwar ir-risposti li nghataw mill-perit tal-IM. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-gutter ta` Triq Santa Katerina jsir ta` zewg piedi u nofs u li tappiera li ser isir f`nofs it-Triq Santa Katerina, tkun wahda maghluqa jew b`toqob zghar biex jigi evitat kull incident. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir gutter tul it-triq kollha ta` Triq id-Dejqa sal-kantuniera ma` Triq Santa Katerina.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

19:20hr Is-Sur Stefan Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

038.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 19/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsilliera MA Sammut għall-ammont totali ta' €24,506.16 u ġiet approvata nem con.

Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghall-ahhar skeda ta` pagamenti fejn talab sabiex huwa jastjeni mill-pagamenti li saru lill-kumpanija Med Design.

038.11 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 12 ta` Jannar 2020 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 12 ta` Jannar 2021

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |